Minuti tas-60 (sittin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-sur Joseph Farrugia

Skużat: Is-Sur Lorry Apap

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill rigward il-każ tal-Minuti tal-Laqgħat li għadhom pendenti. Qal li wara l-aħħar laqgħa kien ikkonferma mal-Aġent Segretarju s-Sur Joseph Farrugia u l-eks Aġent Segretarju s-Sur Joe Xiberras li huma kienu infurmaw lis-Sur Karl Vella biex jiġi għal-Laqgħa li saret nhar il-31 ta' Jannar 2012. Għalhekk l-Aġent Segretarju talab id-direzzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u r-risposta tad-Dipartiment kienet illi l-Minuti rridu jiġu ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, jiġu kkoreguti mill-Kunsilliera waqt il-laqgha, u jiġu ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti. Importanti li fuq il-minuti ikun hemm indikat li l-minuti imsemmija ġew ippreparati mis-Sur Karl Vella. Peress li dawn il-minuti għadhom ma ġewx approvati, il-Minuti tal-Laqgħat li għamel is-Sur Joe Xiberras u dawk tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Farrugia ma jistgħux jiġu mressqa fil-Laqgħa.

2.2 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Minuti tal-51, 52 u 53 ta' żmien is-Segretarju is-Sur Karl Vella għandhom


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

informazzjoni ta' x'intqal fil-laqgħa nieqsa u mhux sempliċiment korrezzjonijiet żgħar. Is-Sindku semma li fost l-informazzjoni nieqsa hemm l-Għoti ta' Tenders 'l fuq minn €20,000; Rapporti mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti; korrispondenza mill-Land Departments li x-xelter ta' Pjazza l-Għejjun kien ġie rreġistrat; deċiżjonijiet tal-Kunsill biex tinġieb stima biex jinqala' l-monument tas-sajjieda u r-risposta ta' dawk li ġew avviċinati; x'intqal fid-diskussjoni fuq l-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal aktar aċċessibilita biex titneħħa l-bankina li mill-Kunsill Lokali twassal sal-*Playing Field*; dwar l-appllikazzjoni mit-tieni skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-sistema ta' pannelli fotovoltajiċi u għal dak li ġie diskuss ma' Dr. Said fuq din l-iskema fil-laqgha li saret fil-25 t'Awwissu; diskussjoni dwar il-ħaddiema tal-IPSL biex jirranġaw il-Pumping Station tad-Drenaġġ f'Wied il-Lunzjata; li s-Sindku nforma li mill-1 ta' Settembru is-sistema ta' nfurzar ser tgħaddi taħt ir-responsabilta tal-Kumitat Reġjonali, deċiżjoni li ssir ħarġa għal Kemuna; li nsteraq bin mill-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja; dwar il-proġett tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku; dwar il-ħlas mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA u dwar erba' nixxiegħat tal-ilma ġol-għar tal-Għajn il-Kbira u l-ftuħ tal-mina minn Pjazza ta' l-Għejjun twassal għal Wied Siekel.

2.3 Il-Membri tal-Kunsill għalhekk qablu unanimament li dawn il-Minuti ma jistgħux jiġu approvati u li għandna nerġgħu nitolbu d-direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. <u>Korrispondenza</u>

### 3.1 <u>Memos</u>

3.1.1 9/2010 – Projbizzjoni ta' Tipjip fi *Playgrounds* jew Ġonna Pubbliċi. Tabelli li jwissu li ma jistax isir tipjip fiż-Żoni fejn hemm xi Logħob għall-Użu tat-Tfal. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi ordnata tabella waħda għal kull entratura tal-*Playing Field*.

### 3.2 <u>Korrispondenza Ġenerali</u>

3.2.1 DLG – Reviżjoni tal-Allokazzjoni Finanzjarja 2012. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri illi l-Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill ġiet riveduta u qed ningħataw €133,185.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.2 DLG – Risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-affarijiet pendenti u d-dubji li kellu l-Kunsill fuq numru ta' Sejħa għall-Offerti li ħarġu fi żmien l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella. Rigward il-Kuntratt ta' Twaqqiegħ tal-Bini Eżistenti u l-Bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill qabel li hu kien diġa mexa fuq il-parir li kien tah is-Sur Adrian Mifsud, Head of Training, Human Resources, Administration, and EU & International Affairs. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għandna ninfurmaw lis-Sur Joe Tabone, Head tal-Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali. Rigward is- Sejħa għall-Offerti għall-Installazzjoni ta' Sistemi Fotovoltajiċi, id-Dipartiment informa illi l-Kunsill għandu jmur għall-aġġudikazzjoni tat-Tender. Ġaladarba il-Kuntrattur ma ħallasx id-depożitu ta' €50, għandu jiġi skawlifikat u jiġi nnotifikat b'ittra min rebaħ it-tender u r-raġuni għala ma ntagħżilx. Rigward il-Kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd għall-patching bil-*hot asphalt*, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma illi l-Kunsill għandu jordna xogħol fuq dan il-kuntratt fuq *cold asphalt* biss u tinħareġ sejħa għall-Offerti oħra kemm il-darba il-Kunsill irid jordna xogħolijiet għall-*hot asphalt*. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta u għalhekk ġie deċiż li nibgħatu kopja tal-Minuti ta' meta l-Kunsill kien iddeċieda li x-xogħol kollu jsir bil-*hot asphalt* lis-Sur Joe Tabone, Head tal-Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali u r-raġuni għala l-Kunsill ma jaqbilx ma' dan it-tip ta' xogħol. Rigward is-Sejħa għall-Offerti biex isiru żewġ toroq bit-Tarmac, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma li l-Kunsill jista' jitlob lill-Kuntrattur biex jingħata *discount*. Hawnhekk, is-Sur Horace Micallef staqsa jekk id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienx ser jagħti għajnuna finanzjarja peress li ħafna mill-fondi mill-iskema kienu ntefqu. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din l-iskema tinħadem *on first come first serve* iżda qal li tiġġedded kull sena. Is-Sindku qal li għandna nitolbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kemm ser ningħataw. Rigward is-Sejħa għall-Offerti għall-Ġbir tal-Iskart Domestiku, id-Dipartiment informa li l-Kunsill informa li ladarba dan it-tender għadu ma ġiex aġġudikat, dan it-tender għandu jaqa', jiġu rifużi l-flus lil kull min tefa' l-offerta, u għandha tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Il-Kunsill għandu jibgħat jistaqsi lid-Dipartiment fuq liema raġunijiet għandu jwaqqa' din it-tender. Is-Sindku nforma lill-Membri li d-dokumenti u rapporti tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-proġett ta' Installazzjoni ta' Fanali Dekorattivi fi Triq il-Qalb ta' Ġesù u fi Triq il-Għajn, kienu ppreżentati mis-Sur Karl Vella u ġew mgħoddija lid-Dipartiment Eko Għawdex. L-Aġent Segretarju


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

nforma lill-Membri tal-Kunsill illi rigward tal-Awditjar għas-sena finanzjarja 2011, il-Kunsill jista' jimxi fuq waħda minn dawn iż-żewġ kriterji: jew li l-Awditur jelenka il-mistoqsijiet li jrid jagħmel lill-Kunsill, jintbagħtu lill-eks Segretarju Eżekuttivi sabiex dawn minn naħa tagħhom jirrispondu jew inkella, waqt l-Awditjar, l-eks Segretarji Eżekuttivi jkunu preżenti u jirrispondu għal kull mistoqsija li jista' jagħmel l-Awditur. Il-Kunsill qabel li l-eks Segretarji Eżekuttivi għandhom ikunu nfurmati meta jkun ser jiġi l-Awditur u jkunu preżenti biex jirrispondu għal kull mistoqsija li tista' ssir.

3.2.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li rċivejna *email* mill-Perit Gordon Vella biex naħtru *Construction Site Manager* biex jieħu ħsieb materja ta' *Health and Safety*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li kien ġab żewġ kwotazzjonijiet għall-informazzjoni tal-Membri, ta' John Azzopardi, Health and Safety Consultancy u tal-AME Health and Safety Services Ltd. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa x'ifisser €35 each mill-kwotazzjoni tal-AME Health and Safety Services. Il-Membri qablu li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja liema kienet l-irħas waħda u ngħażlu lilha.

3.2.4 *My destination Malta* – is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li din il-kumpanija kienet għamlet il-preżentazzjoni tagħha fil-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali fejn qed joffru lill-Kunsill Lokali li jibgħatu numru ta' ritratti tal-lokalita tagħhom biex jiġu nklużi fil-portal elettroniku fejn ser qed ikun jagħti dehra viżwali 360$^{o}$. Il-Kunsill qabel li għanhom jintbagħtu 4 ritratti għall-prezz ta' €150 + vat.

3.2.5 BOV – Garanzija Bankarja ta' €1,164.69 rigward in-Niċċa tal-Madonna ta' Lourdes li kien hemm fil-faċċata tal-Fond 191 fi Triq il-Għajn  Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li din il-Garanzija kienet għal 5 snin l1 trid tiġi mġedda għar-raġuni li trid terġa titpoġġa fil-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel li tiġi mġedda din il-Garanzija.

3.2.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-MEPA ma ħarġitx il-*Final Compliance Certificate* dwar il-proġett ta' Trejqet wara l-Idjar (minn tart Triq Għajn Tuta sa Wied il-Lunzjata) għar-raġuni li kien għadu ma tħawwilx it-tip ta' qasab *Arundo SP* kif hemm stipulat fil-permess. Is-Sindku nforma li l-Perit John Saliba kien ġab ix-xitel ta' dan it-tip ta' qasab minn Malta, peress li Għawdex m'hawnx bħalu, u għalhekk il-Perit John Saliba ġie mitlub biex jerġa japplika għall-*Final Compliance Certificate*. Hawnhekk il-Viċi Sindku, s-Sur Tony Borġ staqsa jekk il-

*flower bed* ta' l-isfel mill-biċċerija fi Triq ix-Xlendi jekk hiex fir-responasbiltà tal-Gvern u s-Sindku wieġbu fl-affermattiv.

3.2.6 Dipartiment Propjeta' tal-Gvern – Tinforma li l-*lease* fuq il-bini tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku għalqet fit-30 ta' Jannar 2012 u ġiet imġedda għal 3 snin oħra. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għandna niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet u nikkupjaw lill-Onor. Jason Azzopardi, Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur, biex nitolbu li *lease* issir għal 15 il-sena bħal ma hi l-kirja tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

3.2.7 Reġjun Għawdex – Offerta biex jinxtraw 10 kopji tal-publikazzjoni rigward il-ħidma tal-Kunsill Ċiviku f'Għawdex fl-okkażżjoni tal-50 sena mit-twaqqif tiegħu. Is-sindku u l-Viċi-Sindku nfurmaw li huma ġa għandhom kopja ta' dan il-ktieb, għalhekk m'hemmx għalfejn jieħdu. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw 5 kopji, wieħed għal kull Kunsillier u għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.2.8 Reġjun Għawdex – Bandiera bl-istemma tar-Reġjun t'Għawdex ġewwa l-uffiċċji tal-Kunsill għall-prezz ta' €115 (Vat inkluża). Is-Sindku qal li kienet inħabet stima għal 15 il-bandiera mill-Kumitat Reġjonali. Il-Kunsill qabel li għandha tinxtara waħda għal Kunsill.

3.2.9 PPCD – *Funding Opportunities for Local Councils through Operational Programme II – Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life*.

3.2.10 Ċekk ta' €104 mingħand l-NSO bħala pagamanet għal *LFS external interviews* li saru fil-perjodu ta' Ġunju – Awwissu 2011. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li dan iċ-ċekk kien dovut għas-Sur Karl Vella, eks Segretarju Eżekuttiv, għall-intervista li kien għamel għall-NSO. Peress li c-cekk hu pagabbli lill-Kunsill Lokali il-Fontana, dan għandu jiġi d-depożitat fil-kont tal-Kunsill u l-Kunsill joħroġ ċekk pagabbli lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex imbagħad dawn jinkluduh mas-salarju tas-Sur Karl Vella.

3.2.11 Parroċċa Qalb ta' Ġesu, Fontana – Talba għall-għajnuna ta' €100 għall-ispejjeż tal-Musical id-Dverna t'Emmaws li ser ikun qed jittella' mill-Parroċċa tal-Fontana flimkien ma' dik ta' San Lawrenz. Il-Membri tal-Kunsill qablu li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb lill-Kappillan biex jinfurmah li Kunsill lest li jagħti din l-għajnuna bil-kundizzjoni li fir-reklamar għal dan il-Musical titniżżel l-istemma tal-Kunsill u li dan il-Musical qed jittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.12 Ittra mill-Kumitat tal-Qalb ta' Ġesu Fontana Fireworks biex javżaw li wara l-laqgħa li huma kellom mass-sotto kumitat responsabbli mill-Fontana Fireworks Festival nhar is-7 ta' Frar 2012, iddeċidew li mhux ser jipparteċipaw f'dan il-Festival. Hawnhekk is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-ħidma tas-sotto-kumitat responsabbli mill-organizazzjoni tal-Fontana Fireworks Festival u qal li għandna nitolbu lis-Sur Joe Muscat, rappreżentant tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Fontana li jaħdmu fil-kamra tan-nar 15 ta' Awwissu, biex jibgħat lill-Kunsill x'nar ser joffru huma f'dan il-festival.

3.2.13 MEPA – *EPC Decisions*.

3.2.14 AKL- Polza għall-Assikurazzjoni tal-Flus.

3.2.15 TM – Kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-kuntratturi kollha reġistrati ma' Transport Malta fir-rigward ta' xogħolijiet mhux essenzjali f'toroq arterjali u distributorji.

3.2.16 MEUSAC – sejħa għall-fondi taħt *Priority Axis 6: Urban Regenration and Improving the Quality of Life*.

3.3 **<u>Ilmenti:</u>**

3.3.1 F'dan il-ħin tal-laqgħa daħal is-Sur Eucharist Mintoff jilmenta li f'dik il-parti ta' Triq il-Għajn, bejn Triq il-Kappillan Ħili u Triq il-Qalb ta' Ġesu, fil-ħinijiet ta' filgħodu qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku u għalhekk issuġġerixxa li jsiru tabelli ta' *No Parking* bejn is-7.30a.m. u d-9.30a.m. jew inkella li jkun hemm warden biex jidderiġi t-traffiku. Il-Kunsillir is-Sur Horace Micallef informa lill-kunsill li din saret problema l-gurnata kollha anke fil-hinijiet ta filghaxija. Is-Sindku nforma li madwar 10 snin ilu kien hemm permess biex jitwaħħlu tabelli ta' *No Parking* iżda dawn ma sarux peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Gvern Ċentrali. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lil Transport Malta biex jintbagħat warden biex jidderiġi t-traffiku.

3.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ilmenta li hemm numru ta' toqob fi Triq il-Kappillan Ħili. Is-Sindku qal li għandna nixtru tmien boroż cool mix u ngħidu lill-ħaddiem tal-Kunsill biex idurhom.

## 4. <u>*Budget* għas-Sena 2012</u>

4.1 Il-Membri tal-Kunsill approvaw il-*Budget* għas-sena 2012. Il-Membri qablu li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jirrevedi l-Budget 2012 flimkien mas-Sindku biex jirrifletti id-differenza


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ta' madwar €700 li kien hemm fir-reviżjoni tal-Allokazzjoni Finanzjarja 2012.

## 5. ***Financial Statments* 2011**

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sema finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011. Sar kollegament ma' Johanna Caruana, l-Accountant li kienet tqabbdet mill-Kunsill biex tispjega ftit dawn il-*Financial Statements* 2011. Is-Sindku rrimarka li l-informazzjoni dwar lis-*Special Needs Funds* u s-sezzjoni li titkellem mill-*personal emoluments* ma kienux korretti u għalhekk sar qbil li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja l-*Financial Statments* 2011 mal-Accountant u jerġgħu jiddiskutuhom waqt Laqgħa ta' Urġenza li ġie deċiż li ssir it- Tnejn 20 ta' Frar 2012.

## 6. **Ħatra tal-Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv**

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li parti mill-proċedura biex issir l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv titlob li l-Kunsill jaħtar Bord ta' Għażla għal Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg u l-Kunsillier Victor Cefai infurmaw lill-Membri li huma kienu lesti li joqgħodu Membri fil-Bord. Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef stqarrew li huma ma riedux li jkunu Membri. Peress li l-Kunsillier is-Sur Lorry Apap ma kienx preżenti għall-Laqgħa, ġie deċiż li din il-materja terġa tiġi diskussa meta jkunu preżenti l-Membri kollha tal-Kunsill.

6.2 Fis-7.00p.m. il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borġ talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba mpenji oħra u ħareġ mill-kamra.

## 7. **Għoti tal-Offerti**

7.1 Is-Sindku nforma li kien stieden lis-Sur Mario Gatt ta' Gatt Tarmac Ltd., anke fuq parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biex il-Kunsill ikun jista' jinnegozja miegħu prezz irħas rigward is-Sejħa għall-Offerti biex isiru żewġ toroq bil-*Hot Asphalt*. Peress li s-Sur Mario Gatt ma setax ikun preżenti, bagħat lis-Sur Raymond Gatt bħala rappreżentant tal-kumpanija. Is-Sindku nforma lis-Sur Gatt illi huma kienu l-uniku kuntrattur li tefa' l-Offerta pero din kienet ferm għola mill-istima li għamel il-perit. Is-Sur Gatt wieġeb li l-materjal kollu qed jogħla u li hu ma kienx f'pożizzjoni li jagħti risposta


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

llum għax ried jitkellem ma' ħuħ is-Sur Mario Gatt. Il-Kunsill wieġeb li ma kienx hemm bżonn li jagħti risposta llum. Il-Kunsill informa lis-Sur Gatt li huma kienu ser jibgħatu ittra lil Gatt Tarmac Ltd. biex jirrivedi l-Offerta tiegħu.

7.2 Sejħa għall-Offerti għall-Installazzjoni ta' Sistemi Fotovoltajiċi: Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li wara li l-Kunsill kien irċieva l-parir tad-Dipartiment rigward kif għandna mmexxu b'din it-tender, intbagħtu l-offerti miqugħa lill-Inġinier Mario Galea biex ikun jista' jagħmel l-aġġudikazzjoni tiegħu. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva 5 Offerti: Calleja Formosa Energy Saving (Option 1: €9,337.12; Option 2: €9,620.92; Option 3: €9,488.92); Solar Engineering Ltd. (Option 1: €9,033,20; Option 2: €8,428.00); Bajada New Energy (€8,200.00); Alberta: (12,818.96); Frank Borda Ltd. (Option 1: €7,571.40; Option 2: €8,129.00). din l-aħħar Offerta hi skawifikata peress illi l-Kuntrattur ma kienx ħallas id-depożitu ta' €50.00 meta ġabar id-dokument tal-Offerta.

7.3 Is-Sindku nforma li nhar il-15 ta' Frar 2012 ġew ippublikati l-offerti għal-Festival tal-Logħob tan-nar, għall-Bini ta' bankina li mill-Uffiċċju tal-Kunsill twassal sal-*Playing Field*, kif ukoll għall-provista tal-ġebla tal-qawwi għas-saqaf tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

## 8. <u>Mistoqsijiet</u>

8.1 Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa rigward l-ittra li ntbagħtet lil Transport Malta peress li ra stqarrija oħra fuq l-orizzont u tqasmet ittra f'kull residenza tar-Rabat Għalhekk ġie deċiż li niċċekkjaw ma' Transport Malta biex tibgħatilna kopja tar-risposta.

## 9. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

9.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa ħlief għall-kont Numru 1 tal-Image Systems Limited. Il-Kunsill staqsa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jiċċekja fuq x'kien dan il-kont. Rigward il-kont Numru 10 ta' George Schembri, il-Kunsill qabel li mal-pagament tintbagħtlu ittra li hu ma kienx onora il-ftehim il-jagħmel festun tad-dawl bil-kliem: Il-Kunsill jawgura l-Festi t-Tajba.

9.2 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju nfurmaw lill-Membri tal-Kunsill li huma kienu talbu lil Chris Gauci biex jirrivedi l-kont tiegħu li


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

kien ressaq fil-laqgħa preċedenti dwar il-main tal-ilma tal-Għajn il-Kbira li kien nbidel meta kien qed isir ix-xogħol fuq il-bini ta' replika tal-Għajn tal-Loġoġ.

**10. Mozzjonijiet**

Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

**11. Materji Oħra**

11.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li bi żvista, fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012 ma kienx semma li f'Diċembru 2011, il-Kunsill kien irċieva l-ittra tar-riżenja mill-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras. Is-Sindku qal ukoll li hu kien kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinfurmahom li mill-14 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill Lokali kien spiċċa mingħajr Segretarju Eżekuttiv. Fil-fatt il-Kunsill baqa' mingħajr Segretarju Eżekuttiv sal-aħħar tas-sena. Għalhekk il-Laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru ma setgħetx issir. Semma wkoll li hu flimkien mal-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borġ u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef kienu attendew għall-Kunċert tal-Milied mill-Chorus Urbanus fl-okkażżjoni tal-Milied f'għeluq il-festi fl-okkażżjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Is-Sindku qal ukoll illi fl-20 ta' Diċembru 2011, fin-nuqqas ta' Segretarju Eżekuttiv, hu kien kiteb ittra liċ-*Chairman* tal-MEPA rigward il-Permess PA05319/10 – *To sanction variations to method statement and shifting of apertures and propose alterations to landscape scheme* biex iġib għall-attenzjoni tiegħu il-kummenti dwar fdalijiet medjavali kif approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill numru 47 li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2011 dwar sit li qiegħed f'din l-applikazzjoni jew li jmiss magħha. Dan sar peress li fit-23 ta' Diċembru kien sar jagħmel il-perjodu ta' oġġezzjonijiet.

11.2 Is-Sindku semma wkoll li l-Budget li kien għamel is-Sur Karl Vella s-sena l-oħra, li ppreżenta nhar is-17 ta' Jannar 2012, jrid jiġi rrivedut għax hemm fondi li kienu vvutati mill-Kunsill u ma jidhrux fil-Budget ippreżentat mis-Sur Karl Vella.

11.3 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienu marru jkellmu lis-Sur George Borg, l-Uffiċċjal inkarigat mid-Dipartiment tat-Taxxa f'Għawdex rigward kif ser tinħadem it-taxxa minħabba r-rifużjoni tal-Onorarja. Qal li hu kien ġie nfurmat li l-aħjar ħaġa hi li jagħti ċekk lill-Kunsill bl-ammont totali li kellu jagħti lura


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

miż-żieda fl-Onorarja u jieħu lura l-onorarja ta' kull xahar li kienet dovut lilu.

11.4 Is-Sindku ssuġerixxa lill-Membri tal-Kunsill biex tiġi organizzata l-ħarġa soċjo-kulturali fejn inżuru l-Kappella ta' Santa Ċeċilja, id-dar ta' l-Anzjani f'San Lawrenz u ħin ta' mistrieħ, dan peress li l-ħarġa f'Għawdex li kellha ssir bħala parti mill-programm ta' Jum il-Fontana ma saritx peress li ma kienx hawn Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ l-Avviż lir-residenti.

11.5 Il-Kunsillier Victor Cefai informa lill-Membri tal-Kunsill li lis-Sur Alfred Xerri konna għadna ma tajnieh xejn tas-servizz li hu offra meta ingħatat it-tilqima tal-influwenza lir-residenti tal-Fontana. Il-Kunsill qabel li niċċekjaw il-Minuti tas-sena l-oħra u nadottaw l-istess proċedura.

11.6 Is-Sindku qal li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li fis-sena 2011, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienu naqqas mill-flus tal-Allokazzjoni tal-Kunsill biex ikopri l-ħlas ta' €325.78 dovut lill-*Malta Independent* u l-ammont ta' €638.53 bħala multa relatata mal-fatt li l-Kunsill kien issottometta il-*Management Letter* flimkien mal-*Audited Financial Statments* 2010 wara d-data stipulata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalma lkoll jafu qatt ma kien semgħu b'dawn u lanqas qatt ma kienu mgħarfa li l-Kunsill seta' joġġezzjona l-multa peress li d-dokumenti kienu ntbagħtu tard għaliex l-Awdituri kienu bagħtu l-informazzjoni wara d-data stipulata. Għalhekk ġie deċiż li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jitlob lid-Dipartiment jekk nistgħux nitolbu li jiġu rifonduti lura lill-Kunsill.

11.7 Is-Sindku nforma li l-Garanzija Bankarja tas-Sur Savio Debrincat li huwa responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku kienet għalqet fis-27 ta' Lulju 2011 mingħajr ma ttieħdu passi biex tiġġedded u għalhekk intalab biex jerġa jġeddidha wara li ttieħed parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

11.8 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li jixraq li jinxtara rigal sa €60 lis-Sinjura Ġuża Borg li ppreżentat Jum il-Fontana tul dawn l-aħħar snin u qatt ma tħallset tas-servizz tagħha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

11.9 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li fil-bidu ta' Frar kien inbeda ix-xogħol ta' bini tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

11.10 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li fis-6 ta' Frar 2012 hu kien attenda għall-Laqgħa tal-Kumitat Reġjonali dwar l-offerta għas-servizz tal-Gwardjani Lokali.

11.11 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Perit John Saliba dwar il-proġetti tal-Kunsill li hemm pendenti. Ġew


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

diskussi l-applikazzjoni għall-*Compliance Certificate* tal-passaġġ bil-ġebla tal-qawwi f'tarf Triq Għajn Tuta u dwar il-ħruġ għas-Sejħa t'Offerti biex issir bankina ġdida u aċċessibli li mill-Uffiċċju tal-Kunsill twassal sal-*Playing Field* u dwar is-Sejħa għall-Offerti għat-tindif u r-riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi li hu fil-konfini tal-Fontana. Sar qbil li dwar dan ix-xogħol jibdew il-preparamenti billi ssir laqgħa mas-Sur Mark Zammit biex naraw jekk għandu l-kwalifiki maħtieġa jaċċettax il-moniteraġġ ta' dan ix-xogħol.

11.12 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi dwar l-iskema għar-restawr tan-niċeċ, nhar id-9 ta' Frar 2012 ġie ffirmat il-kuntratt bejnu u bejn is-Sur Teddy Curmi fil-preżenza tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, bħala xhud, biex isir ir-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni mad-dar Nru. 1 fi Triq il-Għajn. Qal ukoll li dak in-nhar stess, hu ppreżenta l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ningħataw fondi għal dan il-għan skond skema maħruġa.

11.13 Is-Sindku nforma li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Joe Attard, Direttur tal-kumpanija Green MT dwar is-servizz li din il-kumpanija qed toffri għas-separazzjoni tal-iskart u t-tiġdid tal-kuntratt. Is-Sindku qal li qabel ma' jiġi diskuss it-tiġdid tal-kuntratt, irid jiġi mwettaw dak eżistenti. Qal li f'din il-laqgħa, hu qajjem diversi problemi li hemm dwar dan il-kuntratt, fosthom li l-Kunsill qatt ma tħallas is-somma ta' €500 għall-attivitajiet kulturali li saru f'dawn is-sentejn kif ukoll biex nerġgħu naqtgħu il-kont ta' €30 fil-ġimgħa, boroż għas-separazzjoni tal-iskart li ilhom ma jingħataw minn Settembru tal-2010 kif ukoll biex jingħataw *bins* tal-iskart separat għall-*Playing Field* u fil-Belveder ta' Triq ta' Mulejja u ta' John Gaspard le Marchant u l-Kardinal Alessandro Franchi.

11.14 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hemm bżonn li jsiru xi xogħolijiet mal-bankina fi Triq l-Isptar San Ġiljan fil-parti li kienet saret mill-ġdid. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

11.15 Is-Sindku semma li kien inxtara bukkett ward għall-funeral tas-Sur John Cefai, missier il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai. Is-Sur Victor Cefai rringrazzja lill-Membri tal-Kunsill għas-sogħba u s-sapport tagħhom f'dan il-mument ta' niket.

11.16 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa lill-Membri tal-Kunsill biex meta nirċievu mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali notifika ta' mewt ta' Kunsillier jew qraba ta' Kunsillier, minflok ma tintbagħat *card* ta' kondoljanzi bil-posta, tintbagħat waħda permezz ta' *email*. Il-Membri tal-Kunsill kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-29 ta' Frar 2012, fil-5.30p.m.

Joseph Farrugia
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Saviour Borg
Sindku


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555